MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 332/2011

**GO p.l.c. (C-22334)**
**Vs**
**Susan Patricia Camenzuli (K.I.178906L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu gie premess illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ seba’ mija u erbatax-il ewro, erbgha u sittin centezmu (€714.64) liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma’ servizzi moghtija mis-socjeta’ attrici kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza, u kif jidher mill-anness document mmarkat Dok A.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-ahhar kont u cjoe mis- 16 ta’ Marzu, 2010 kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-14 ta’ Novembru, 2011 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-Socjeta attrici u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tas-16 ta’ Marzu, 2010 sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------